MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 364/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' April, 1998, minn liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed bien jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha

kuntrattat mal-konvenut fis-26 ta’ April 1998 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kwadru tal-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta’ April 1998 meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 21 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa erba’ snin. Wara konvivenza matrimonjali ta’ sitt snin il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attur jispjega li, ghalkemm il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ghal perijodu twil, kien biss fl-ahhar sentejn ta’ qabel iz-zwieg li kienu johorgu flimikien ta’ spiss u b’ impenn ta’ relazzjoni. Huwa jghid li mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali kien hemm bruda sesswali bejniethom u li dan kien manifest mill-gurnata taz-zwieg. Di fatti z-zwieg gie kkunsumat gimgha wara. Ir-relazzjonijiet intimi kienu rari u gieli kienu jghaddu xhur qabel ma jkollhom x’ jaqsmu flimkien. Huwa qal li ma kellux intenzjoni li jkollu tfal f’ dan iz-zwieg, u l-att taz-zwieg dejjem sar bl-uzu tal-kontracettivi da parti tieghu.

L-attur jispjega li tant kienet manifest il-bruda sesswali bejniethom, li circa sena u nofs wara z-zwieg kienu diga’ qed isemmu li jisseparaw. Jghid li l-partijiet kienu jgi mix-xoghol f’ hinijiet differenti u li kienu jsajjru ghar-rashom. Huwa jispjega li dam jissaporti daqshekk qabel ma ha l-pass tas-separazzjoni personali, peress li, ma riedx iwegga’ lill-familja tieghu, u wkoll kien jispera li xi darba l-affarijiet kienu ser jitrangaw.

Illi l-konvenuta in sostanza taqbel mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur. Hija tispjega kemm kienet imdejjqa d-dar minhabba ommha li kienet konservattiva u religjuza hafna u kienet tezercita hafna sikkatura fuqha, tant li tghid li lill attur kienet tarah bhala s-salvatur taghha sabiex titlaq mid-dar tal-genituri. Dan jispjega ghaliex kienet issuggeriet li jaceleraw id-data taz-zwieg <u>b’ sentejn</u>.

L-attrici tghid li minhabba f' hekk hija kienet zammet ir-relazzjoni ma' l-attur, nonostante li, anke f' dak iz-zmien kienet thoss xi haga nieqsa fir-relazzjoni taghhom u ma kienx baqalha attrazzjoni fizika ghalieh, izda kienet thossha diga' marbuta mieghu u ghalhekk kienet twarrab l-attrazzjoni fizika li hija kienet okkazzjonalment thoss lejn zaghzagh ohrajn. Tghid li, ghalhekk mill-bidunett taz-zwieg, ir-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet kienu skarsi.

Hija tirriferi ghall-okkazzjoni, li semma l-attur, li fil-gurnata taz-zwieg, wara li huma kienu marru d-dar, hi bdiet tikbi, u tispjega li dan kien dovut ghall-fatt li dak in-nhar stess tat-tieg "sibt ruhi hekk id-dar, hassejtni bla sens, ma kontx ferhana. Kont naf minn qabel, pero' dak il-hin ghidt 'il-lallu x'ghamilt, speci bdejt nibza'."[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponi, waslet ghall-konkluzjoni li dan hu zwieg li qatt ma messu sar. Jidher car li l-partijiet kienu zzewwgu ghax kienu draw f' relazzjoni li kienet priva minn emozzjonijiet essenzjali ghas-success tal-hajja konjugali.

Il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin meta kienu ghadhom zghar fl-eta' u biz-zmien, ghalkemm kienu ntebhu li r-relazzjoni taghhom ma setghetx timmatura u tikber aktar, huma, u partikolarment il-konvenuta, xorta wahda ghaddsew rashom u nghaqdu fiz-zwieg minghajr ma kienu konsapevoli bizzejjed ta' l-import tal-hajja konjugali. Dan jispjega l-fatt li mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali, il-partijiet kienu diga' allontanati minn xulxin, kemm emozzjonalment, kif ukoll fizikament. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li, nonostante li wara t-tieg kienu marru d-dar matrimonjali, huma damu gimgha sabiex jikkunsmaw iz-zwieg; u kienu tal-fehema li ma jkollhomx igibu tfal f' dan iz-zwieg; kif ukoll mill-bidu nett tal-hajja konjugali huma kienu jghixu hajja separata, ghalkemm fl-istess dar.

Illi mill-premess il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-

[1] Fol.58

paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li l-komportament tal-partijiet, partikolarment ezatt kif izzewwgu, huwa xhieda tal-fatt li,fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, huma ma kienux gharrfu u apprezzew l-obbligazzjonijiet neccessarja ghall-hajja matrimonjali, primarjament, izda mhux esklussivament, dak tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ April 1998.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------